MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Numru 1245/2006

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Alexander cross, iben William, imwieled Tripoli, Libja fid-29 ta' lulju, 1954
u
Alexia Cross, iben James, imwieleda San Ġiljan fl-14 ta' ġunju, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 ta' ottubru, 2006, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża'

dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' elf u tmien mitt lira maltin (Lm1,800) għad-dannu tal-Bank HSBC;

2. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi perjodu bejn l-1 ta' ottubru, 2006 u is-7 ta' ottubru, 2006 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, iffalsifikaw ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra li meta jiġu prezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 ta' ottubru, 2006, xjentement għamlu użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra ffalsifikati, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi perjodu bejn l-1 ta' ottubru, 2006 u is-7 ta' ottubru, 2006, għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqu pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi perjodu bejn l-1 ta' ottubru, 2006 u is-7 ta' ottubru, 2006l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-7 ta' ottubru, 2006 xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza;

6. talli fin-Naxxar, f'xi perjodu bejn l-1 ta' ottubru, 2006 u is-7 ta' ottubru, 2006, ikkomettew serq ta' tlett 'cheques' ta' l-HSBC Bank bin-numru 128, 132 u 133 rispettivament, 'ilkoll maħruġin fuq il-kont bankarju bin-numru 71171003001 bi ħsara ta' ħaddieħor;

7. talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanżi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' ottubru, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-valur globali tat-tlett 'cheques imsemmija fl-akkuża hu ta' Lm1,800.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' ottubru, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tas-seba' akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 18, 167(1), 169, 183, 184, 284, 285, 308 u 310(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedini penali ta' l-imputati u l-ammissjoni bikrija tagħhom. Tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' disa' mitt lira maltin (Lm900) lill-HSBC Bank. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------